**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Lawrence Fenech**

Illum 16 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Lawrence Fenech iben il-mejtin Domenic u Mary xebba Gauci li joqghod fil-fond nru 43, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 61640 G) akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel id-19 ta' Gunju 2000 bhala proprjetarju tal-fond nru 184, Triq Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa registrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta` jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghal mija u erbgha u sittin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm164.70c), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur. Barra minnhekk akkuzat ukoll talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema hsara tammonta ghal ghoxrin lira Maltin (Lm20).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2001;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati;

Wara li rat l-Artikoli 263, 278 u 279 tal-Kap 9;

Wara li rat il-Fedina Penali ta' l-imputat;

Wara li rat l-ircevuta esebita waqt is-seduta tal-lum stess li turi li l-imputat hallas l-ammont pretiz mill-korporazzjoni EneMalta;

Tilliberah taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum;

Tobbligah ukoll ihallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta esebita f'dan il-process.

Il-Qorti fehmet l-import tas-sentenza lill-imputat.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur